**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 10**

**Data:** **20 ta' Frar 2025**

**Hin:** **9.05am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

10.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

10.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

10.5 Korrispondenza u Rapporti;

10.6 Xoghol fuq Triq Tumas Cassar;

10.7 Skemi 2025;

10.8 Progetti u Xogholijiet;

10.9 Xogholijiet ta' Up Keep – Pjazza taz-Zjara tal-Madonna;

10.10 Xogholijiet ta' Up Keep – Wied il-Mielah;

10.11 Attivitajiet;

10.12 Sewqan Eccessiv fil-lokalita';

10.13 Materji ohra;

10.12 Skeda ta' Pagamenti;

10.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**10.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

10.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

10.2.1 Il-Minuti tat-8 u 9 laqgha gew approvati bhala dokument korrett.

**10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

10.3.1 Ma kienx hemm komunikazzjoni mis-Sindku.

**10.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

10.4.1 Ma kienx hemm mistqosijiet mill-Kunsilliera.

**10.5 Korrispondenza u Rapporti**

10.5.1 Is-Sindku qal li f'din il-laqgha l-Kunsill irid japprova l-Annual Unaudited Financial Report. Huwa spjega li s-sitwazzjoni hija ahjar minn dik tas-sena l-ohra pero' l-*financial indicator* ghandu baxx. Il-Vici Sindku staqsa dwar l-operat tas-sub post office. Is-Sindku qal li t-tmexxija tal-posta kienet ittiehdet decizjoni dwarha waqt laqgha precedenti mill-Kunsill unanimament u li tali decizzjoni ittiehdet ghax l-Kunsill ra li hemm finanzjament mehtiega biex jidhol u joffri dan is-servizz. Huwa spjega ukoll li fis-sena ta' qabel kien hemm diversi progetti li l-Kunsill kellu jhallas mill-fondi tieghu u l-flus kien ghadhom ma ingabrux. Sadanittant ingabru hafna mill-fondi. Zied jghid li l-progetti normalment dejjem ikunu sustenibbli. L-istess jigri fil-kaz tac-Childcare u hekk ser ikun fir-rigward tal-ARB Complex. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom jigi ffirmati l-unaudited financial statements.

10.5.2 Is-Sindku spjega li fi Triq Tumas Cassar kien hemm problema tad-drenagg li trid tigi solvuta. Huwa qal li jista' jkun il-kaz li s-servizzi jridu jsiru mill-gdid u jerga' jsir il-main tal-ilma pero' il-Kunsill mhux ser jidhol fil-parti tal-water services. Il-Kunsill huwa involut biss mar-resurfacing u mall-cable tal-Enemalta. Is-Sindku qal li ser ikun hemm bdil mill-pjan originali u spjega ix-xogholijiet li qed isiru fil-prezent.

Is-Sindku qal li s-sistema tad-drenagg qeghda maghmula b'tali mod li tlahhaq anke jekk flok dar ikun hemm flats. Huwa qal li fir-rigward tas-sistema tal-ilma l-mains ikunu dual biex jlahhqu mad-djar kollha. Fir-rigward tal-mains tal-ilma s-Sindku qal li fiz-zona tal-Wilga dawn kien ilhom hafna li saru u jridu jigu aggornati. Huwa qal li fil-kantuniera ta' Triq il-Vizitazzjoni ma' Triq il-Knisja kienet saret trinka peress li kien hemm residenti li ghandhom sadid fis-supply taghhom. Is-Sindku qal li ser isiru diskussjonijiet mall-Water Services Corporation biex jaraw kif ser isiru x-xogholijiet fiz-zona tal-Wilga.

Is-Sindku qal li huwa qed jinsisti sabiex fl-Gharb ikun hawn supply ta *new water* fejn huwa ppropona li ssir jew fi Triq Tumas Cassar jew Triq Felic Grech jew Dahlet Maxwell. Dan ikun qed iservi ghaz-zewg irhula. Gie innotat li ghar-residenti tal-Gharb ikun tajjeb kieku ikun fiz-zona ta' Wied il-Mielah jew San Dimitri. Joseph Mizzi qal li darba kienet saret proposta ukoll biex ikun fejn il-Beleveder ta' Jodros. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie innotat li dan jiddependenti hafna minn fejn ikun irid jghaddi. Possibilita' ohra hija fejn Ta' Dbiegi fejn hemm il-bus stop peress li hemmhekk hemm parkegg li jaghti possibilita' biex isir f'dan il-post. Fil-prezent l-eqreb wiehed hija fi Triq San Niklaw.
Is-Sindku qal li hemm il-possibilita' li jkollna konnessjoni fejn il-gibjun ta' Triq l-Gharb. Huwa ppropona ukoll li jghaddi dan is-servizz minn gol-culvert li jezisti minn fejn il-gibjun sal-izpizerija, wara jista' facilment jghaddi minn Triq Frangisk Portelli peress li din ghadha bl-layer wiehed u minn Triq Tumas Cassar li ghadha qed isir. Huwa zied jghid li din hija possibilita' li trid tigi diskussa u wiehed jara l-ispejjez involuti. Huwa qal ukoll li minn opzjoni ohra tista' tkun minn Sqaq ta' Pawluzzu.

10.5.3 Gew trattati s-segwenti permessi tal-awtorita' tal-Ippjanar:
PA/00331/25, PA/02994/24, PA/07924/24, PA/00432/25, PA/00527/25, PA/08707/24, PA/00903/25, RG/01769/24, RG/01823/24, PA/00627/25 and PA/00669/25.

L-applikazzjoni PA/02994/24 li kienet tad-djar tax-xjur proposta, s-Sindku informa lill-Kunsill li dawn kien qed jipprezentaw proposta gdida.

**10.6 Xoghol fuq Triq Tumas Cassar**

10.6.1 Is-Sindku qal li Triq Tumas Cassar ghaddej ix-xoghol u fil-prezent qed jiffinalizzaw id-drenagg. Il-fazi preżenti tiehu madwar sitt xhur. Is-Sindku qal li galdarba jaslu

fejn Triq Karmni Grima tinghalaq il-parti ta' quddiem il-grawnd sa Triq il-Vizitazzjoni u tinfetah il-parti l-ohra.

Is-Sindku talab lill-Kunsill l-approvazzjoni ta' diversi *manhole* u *non return valve* li jridu jsiru sabiex il-kumpless sportiv kif ukoll il-progett tal-pixxina jkunu imqabbda b'mod aktar adegwat u jahsbu ghal quddiem. Il-Kunsill approva unanimament dawn ix-xogholijiet.

Kien innutat li x-xoghol tat-Triq Tumas ser ivarja peress li mas-servizzi li qed isiru fit-triq hemm ukoll servizz tal-fond tad-drenagg li allura ser jaqla' t-triq kompletament. Ghal dan il-ghan ghandu jintalab finanzjament addizjonali biex ikoppri in-nefqa fit-total taghha. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir tali talba lill-awtoritajiet koncernati fosthom lil Ministeru ghal Ghawdex u lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali jekk mehtieg.

Gie innotat li fi Triq Albert W. Ketelby hemm problema u sabiex din tissolva is-Sindku qal li qed isiru il-komunikazzjonijiet mehtiega biex ikunu lesti biex jghaqqad mall-bocca tad-drenagg u tkun lesta ghal meta ssir it-triq. Huwa qal li kien kellem ukoll lil sid l-ghalqa b'mod verbali biex jghaddi pipe u tissolva l-problema tal-ilma.

Tonio Mifsud staqsa jekk it-triq kienetx ser tinfetah fejn is-Sindku qal li l-Policy tal-Gvern kienet li jistenna li s-sid jiżviluppa l-art sabiex ma jkunx hemm htiega ta' expropriation.

**10.7 Skemi 2025**

10.7.1 Is-Sindku qal li fil-prezent kien hemm tlett applikazzjonijiet ta' skemi min-naha tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali miftuhin wahda kienet ghall-attivitajiet tal-Milied, ohra kienet ghall-Clean up the Word u ohra kienet ghall-attivitajiet kulturali. Dawn kienu l-attiivtajiet tal-ewwel parti tal-Iskemi ghas-sena 2025. Il-Kunsill iddiskuta dawn l-iskemi u x'tip ta' applikazzjoni jista' jissottometti u qabel unanimament li ghandu japplika ghalihom.

10.7.2 Fir-rigward ta' l-iskema kulturali s-Sindku ppropona li l-applikazzjoni ssir jew ghal community service day jew ikellha jista' jsir progett tal-magija. Huwa qal li fil-passat il-magija kienet toffri hafna divertiment lin-nies lokali. Huwa zied jghid li nistghu ukoll nesploraw li jsiru workshops ghal matul l-imsemmi festival. Apparti dan is-Sindku ssugerixxa li jsir Seher il-Punent pero' b' programm differenti u innovattiv.

10.7.3 Is-Sindku semma l-polza tal-assikurazzjoni tal-Kunsill fejn huwa qal li hemm problema fejn is-Segretarju Ezekuttiv kienet ilha titlob li ssir update u dawn baqghu ma tawx risposta. Jekk f'dawn il-granet ma jaghtux risposta s-Sindku ssugerixxa li ssir wahda temporanja sakemm tinhareg l-offerta'.

## 10.8 Progetti u Xogholijiet

10.8.1 Is-Sindku qal li fil-prezent xogholijiet fil-lokalita' huma dawk ta' Triq Tumas Cassar u tal-progett tal-Pool u l-latrina pubblika ta' Triq Trux u Ta' Pinu. Lisa Marie Brooke saqsiet fejn waslu x-xogholijiet. Is-Sindku qal li hmistax qabel kien hawn il-kuntrattur taljan sabiex jara x-xogholijiet fejn ser tehel il-latrina pubblika. Issa li ghad baqa kienu zewg hitan jitrangaw u wara tista' tehel il-latrina awtomatika.

10.8.2 Fir-rigward tal-latrina ta' Ta' Pinu peress li d-domanda hija wahda ikbar huwa ssugerixxa li ahjar li hemm jitwahhlu tnejn awtomatici. Dawn ghandhom jitpoggew fejn hemm il-mobile toilets fil-prezent u dan kien hemm qbil dwarhom mall-amministrazzjoni ta' Ta' Pinu. Peress li dawn il-latrini ser ikunu awtomatici is-Sindku issugerixxa li kull famlja mill-Gharb ghandha tinghata card u dawk li ma jkunux lokali ghandhom ihallsu mizata zghira. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel fil-post issugerit mis-Sindku ghal dik ta' Ta' Pinu. Il-Kunsill qabel ukoll li l-latrini awtomatici ghandhom jinghalqu bil-lejl u dik ta' Trux tinghalaq ukoll waqt zmien il-festa. Fir-rigward tal-cards ghal familji ta' l-Gharb ghandhom jinghtaw billi kull familja turi interess u japplikaw ghand il-Kunsill.

## 10.9 Xogholijiet ta' Up Keep – Pjazza taz-Zjara tal-Madonna

10.9.1 Is-Sindku qal li wasal iz-zmien li jsir studju liema studju kien diga gie diskuss waqt il-legislazzjoni precenti dwar xogholijiet ta' *up keep* ghal Pjazza taz-Zjara tal-Madonna. Huwa ssugerixxa li l-perit tal-Kunsill jigi mitlub sabiex jaghmel survey u jikkwantifika stima tax-xogholijiet. Il-Kunsill qabel ma' dak propost.

Il-Vici Sindku staqsa x'hemm bzonn li jsir fil-Pjazza bhala xogholijiet fejn is-Sindku wiegeb li hemm bricks x'jitrangaw u anke bankini. Huwa qal ukoll li hemm trinka taqsam il-pjazza sabiex il-wire tal-festa jghaddi minn taht l-art u mhux minn fuq. Apparti hekk fil-pjazzetta ta' fejn ic-Centru hemm tappieri li nizlu u li jridu jitrangaw. Joseph Mizzi staqsa huwiex possibli li jsir xi tip ta' *sealer* bejn it-tarmak u l-bricks. Ghal dan is-SIndku qal li dan ix-xoghol huwa inkluz dil-lista li sertinghta lil perit u li t-tarmak mil-pjazza sa Triq l-Vizitazzjoni jinqala minhabba problema fil-mains tal-ilma u issir mil-gdid. Is-Sindku qal li quddiem residenza fejn is-*supermarket* it-triq trid titranga b'mod provizjonali pero' l-probabilta' li f'din il-parti min-naha tal-Water Services trid titranga peress li hemm biss main wiehed u ghalhekk hemm problemi fir-residenzi ta' din il-parti tat-triq.

10.9.2 Lisa Marie Brooke staqsiet jekk kienx hemm xi zvilupp fir-rigward tal-applikazzjoni tal-B&B ta' Triq ta' Truq fejn is-Sindku qal li ma kienx hemm u meta ikun hemm il-Kunsill ikun infurmat peress li huwa oggezzjona.

## 10.10 Xogholijiet ta' Up Keep – Wied il-Mielah

10.10.1 Fuq l-istess mod kif hemm tal-pjazza gie ssugerit ghal Wied il-Mielah fejn il-Kunsill jista' jara fejn hemm bzonn ta' rrangar ta' hitan, konkos u tindif. Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.11 Attivitajiet**

10.11.1 Is-Sindku qal li l-attivitajiet li jmiss huma marbuta mall-Karnival fejn fit-22 ta' Frar ser ikun hemm DJ Ziggy filghaxija gewwa c-Centru u fit-23 ta' Frar ser isir iz-zfin tal-Karnival bil-kumpaniji taz-zfin.

**10.12 Sewqan Eccessiv fil-lokalita'**

10.12.1 Is-Sindku qal li fil-lokalita' hemm problema ta' sewqan eccessiv. Huwa qal li fl-opinjoni tieghu hemm zewg possibilitajiet jew li jsir sleeping policeman jew inkellha jsiru cameras li jkunu komunikati ma' LESA fejn fil-bidu tiehu avviz u wara jinhargu c-citazzjonijiet. Tonio Mifsud issugerixxa li jsir xi haga bejn Triq ta' Pinu u l-Fgura. Is-Sindku qal li hemm bzonn li fi Triq l-Gharb jehlu avviz li qed ikun hemm l-ispeed gun. Lisa Marie Brooke qalet li jista' jsir avviz b'xi mod sabiex fuq il-GPS tal-karozzi titla' notifikazzjoni minhabba l-*ispeed limit*. Is-Sindku qal li huwa pprova diga u fil-fatt tahdem. Il-Kunsill kompla jiddiskuti u qabel li ghandha ssir xi haga minhabba s-sewqan eccessiv.

**10.13 Materji ohra**

10.13.1 Is-Sindku qal li xi residenti minn Triq Birbuba avvinawh minhabba li kien hemm applikazzjoni ghal dar bil-pool fi Triq Albert Caruana. Is-Sindku qal li r-residenti qed jitolbu sabiex il-Kunsill joġġezzjona ghal dan il-permess ghar-raguni li huma qed jghidu li dan qed japplika sabiex jiftah il-possibilita' li tinfetah it-triq kif kien gie issugerit precedentament fil-kaz li kien fiz-zona odz. Is-Sindku qal li talab lil Perit sabiex jidhol fil-kaz u jaghti l-opinjoni professjonali tieghu. Id-dar li qeghda tiġi proposta hija fiz-zona tal-bini u l-pool li f'zona odz pero' bhala pool tista' ssir f'zona odz. Peress li kien l-istess persuna ir-residenti qed jilmentaw li dan jista' jerga' jipprova japplika ghal bini fl-odz. Il-Kunsill kompla jiddiskuti u qabel unanimament li l-applikazzjoni ma hiex f'odz u ghal dan il-ghan m'ghandux joggezjona.

10.3.3 Is-Sindku qal li peress li hemm possibilita' li l-Kunsill jinghata fondi mis-*savings* tal-progett tal-Mizura 4.3 sabiex issir Triq San Katald. Huwa ghalhekk issuġġerixxa li sabiex ma jintilifx żmien tinhareg l-offerta' li tkun suġġett ghall-fondi. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel ukoll li bhala board ikun dak tal-ewwel offerta maghmul mill-Vici Sindku Louis Apap bhala chairman, u David Apap, Lisa Marie Brooke, Franklin Farrugia bhala evalwaturi. Is-Segretarju tal-board tkun is-Segretajru Ezekuttiv tal-Kunsill.

**10.12 Skeda ta' Pagamenti**

10.12.1 L-Iskeda tal-pagamenti giet approvata.

**10.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

10.13.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 20 ta' Marzu, 2025, fid-9am.

10.13.2 Il-laqgha spiccat fl-10.30am.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv